MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRETA MIFSUD**

Seduta tas-16 ta' Dicembru, 2010

Talba Numru. 676/2010

**GO p.l.c. – C 22334**

**vs**

**Mooney Andrew Eric Philip**
**I.D. 31588A**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet lill-konvenut l-hlas tas-somma ta' tmien mija u tnejn u disghin Ewro u tmien centezmi (€892.08), liema ammont huwa dovut lis-socjeta' attrici in konnessjoni mas-servizz ta' komunikazzjoni bl-akkont numru 40103099, skond diversi kontijiet mibghuta lilu, u skond id-dokumenti annessi ma l-avviz tat-talba markati bhala:

IZY 1 prospett ghas-servizz bl-akkont numru 40103099.
IZY 2 ftehim dwar is-servizz bl-akkont numru 40103099.
Illi l-konvenut gie interpellat sabiex jghaddi ghall-hlas izda baqa' inadempjenti u ghalhekk kellha ssir dina l-kawza.

Bl-ispejjez u l-imghaxijiet legali, kontra l-konvenut li gie ingunt ghas-subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikati bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-Ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.
Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lil konvenut ihallas is-somma tmien mija u tnejn u disghin Ewro u tmien centezmi (€892.08), bl-imghax kif mitluba. L-ispejjez huma a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------